MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 79/2004

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Carmel Dimech**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat il-5 ta' Frar tas-sena 2004 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut Carmel Dimech quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat :

1. Illi jhallas is-somma ta' elfejn mitejn u sitta u erbghin Lira Maltin u sitta u disghin centezmu, (LM2,246.96,0), lis-socjeta' attrici liema somma hi rapprezentanti l-prezz ta' stallazzjoni u kiri ta' apparat u ta' linja telefonici, tariffi fuq telefonati u servizzi ohra resi;

2. Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata s-17 ta’ Marzu tas-sena 2004, li permezz taghha l-konvenut fuq indikat eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma preskritti skond l-artikolu 2151 tal-kap 16 tal-ligijiet ta’ Malta;

3. Illi s-socjeta’ attrici naqset milli taghti rendikont dettaljat ta’ l-ammont mitlub mill-konvenut u ghall-liema perjodu l-ammont mitlub huwa dovut;

4. Illi l-konvenut Carmel Dimech lanqas biss ghandu servizz telefoniku u ilu minghajr dan is-servizz ghal dawn l-ahhar erba’ (4) snin;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tas-socjeta’ attrici;

Innotat li la l-konvenut u lanqas ir-rapprezentant tieghu ma dehru ghall-udjenza appozitament rizervata ghat-trattazzjoni finali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi permezz ta’ ftehim datat is-17 ta’ Frar ta’ l-1998 il-partijiet involuti f’din il-procedura ikkonkludew ftehim ta’ istallazzjoni u uzu ta’ servizz telefoniku, ghall-fond “White Pearl”, 11, Triq Santa Katerina, H’Attard, bil-kundizzjonijiet indikati fl-istess ftehim kif jidhru a fol 36 tal-process;

2. Illi n-numru telefoniku moghti fl-imsemmija stallazzjoni jirrizulta li hu 432042, li sussegwentement meta s-sistema telefonika zviluppat, sar jaqra 21432043, (ara wkoll fol 36);

3. Illi permezz ta’ ittra ufficcjali datata s-26 ta’ Frar tas-sena 2004, is-socjeta’ attrici interpellat inutilment lill-konvenut odjern biex ihallas l-ammont indikat fl-istess ittra ufficcjali;

4. Illi l-ammont dedott fl-avviz promotur ghadu sal-lum ma giex saldat mill-konvenut allura ghadu minnu dovut lis-socjeta’ attrici;

Ghaldaqstant din il-qorti hi konvinta li s-socjeta’ attrici ppruvat il-kaz taghha skond il-ligi u konsegwentement tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut Carmel Dimech biex ihallas lis-socjeta’ attrici Maltacom p.l.c. l-ammont ta’ elfejn, mitejn u sitta u erbghin Lira Maltin u sitta u disghin centezmu, (LM2,246.96,0), rapprezentanti prezz ta’ stallazzjoni u kiri ta’ apparat u ta’ linji telefonici, tariffi fuq telefonati u servizzi ohra resi, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------